**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Wayne Camilleri)**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Edward Grech**

**Anne Axiak**

**Abdullahi Jamale Hassan**

**Kaz Nru: 133/18**

**Illum 11 ta' Gunju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Edward Grech**, detentur tal-karta tal-identita' 569283M; **Anne Axiak**, detentrici tal-karta tal-identita' numru 65971M; u **Abdullahi Jamale Hassan,** detentur tal-karta tal-identita' 43988A

Akkuzati talli fl-inhawi tal-Marsa u f'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Ottubru 2018 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija, u/jew fil-granet ta' qabel f'hinijiet differenti:-

a) Kellkom fil-pussess taghkom il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uuz esklussiv taghkom**;

Lil Abdullahi Jamale Hassan wahdu talli:-

b) Tali nhar l-24 ta' Ottubru tas-sena 2018, ghal habta tal-hamsa ta' filghaxija (17:00hrs) kellek fil-pussess tieghek arma projbita, u cioe' ponn tal-hadid, kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima II tal-Ordinanza dwar l-Armi, Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) U aktar talli sirt recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr F. Depasquale LL.D nhar il-21 ta' Lulju 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-LIgi rordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati kollha qeghdin jigu addebitati bir-reat ta' pussess aggravat tal-pjanta cannabis; filwaqt li l-imputat Abdullahi Jamale Hassan qieghed ukoll jigi imputat li kellu fil-pussess tieghu ponn tal-hadid bi ksur tal-Kap 480 u li huwa recediv.

**L-Ispettur Wayne Camilleri** jixhed[1] li fl-24 ta' Ottubru 2018 ghall-habta tal-5.00p.m gie nfurmat mill-Pulizija tal-Ghassa tal-Marsa li gewwa Triq Patri Felicjan Bilocca, Marsa xi membri tal-RIU, PC 1406, PC 142 u PC 71, waqt li kienu ronda waqqfu karozza tat-tip Peugeot 205, Reg Nru IAP 643 fejn fiha kien hemm erba' persuni fuq suspett ragjonevoli peress li x'hin raw il-karozza tal-pulizija kienu dehru naqra agitati w ippruvaw

[1] Seduta tas-7 ta' Novembru 2018

isuqu minn hemmhekk. Inghataw id-drittijiet taghhom, saret tfittxija fuq il-persuna taghhom u l-karozza u gew arrestati. Apparti l-imputati odjerni gie arrestat ukoll Raymond Grech. Waqt it-tfittxija rrizulta li fuq il-persuna ta' Jimale Hassan Abdullahi nstabu madwar €3,200 flus kontanti, arma ta' ponn tal-hadid u fil-karozza taht is-seat tal-passiggier ta' quddiem fejn kien hemm bilqeghda Jimale Hassan Abdullahi nstabet borza fejn fiha kien hemm boroz ohrajn b'sustanza suspettata pjanta tal-cannabis.

Infethet Inkjesta Magisterjali fejn inhatru diversi esperti, scene of crime officers, Dr Anthony Cutajar, PC 169, Jonathan Mizzi u l-ispizjar Godwin Sammut.

L-imputati rrilaxxjaw kollha stqarrija.

Fl-20 ta' Novembru 2018, l-Ispettur Camilleri esebixxa l-ponn tal-hadid elevat[2] u kkonferma r-rapport tal-Inkjesta[3]. Huwa semma l-esperti li gew nominati li huma ndikati fl-istess rapport u xehed li kien gie ukoll nominat l-ispizjar Godwin Sammut izda huwa bi zvista ma indikahx fir-rapport tieghu. Fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2018 esebixxa pipa li hiaj keychain[4] u talab li tigi ezaminata.

Ir-rapprezentant tal-ETC, **Joseph Saliba**, xehed[5] li mit-tfittxija li saret fuq Abdullahi Jimale Hassan ma rrizulta xejn u ghalhekk ufficjlament huwa qatt ma kien hemm impjegat f'Malta.

**Stephen Cachia**[6] xehed li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAP 643 tal-ghamla Peugeot ta' kulur abjad hija registrata fuq Raymond Grech detentur tal-karta tal-identita' 177955M u ilha hekk registrata mis-sena 2013.

**PS 991 Alexander Gauci** xehed[7] li fl-24 ta' Ottubru 2018 kien xoghol duty l-Ghassa tal-Hamrun u ghall-habta tal-5.00p.m. gie infurmat minn PC13 Gordon Attard li unit tal-RIU kienu waqqfu vettura u kienet saret tfittxija fil-vettura Reg Nru IAP 643. Erba' persuni gew mizmumin mill-pulizija. Is-surgent nizel fuq il-post. Ix-xhud tkellem ma' PC 71 Aryton

[2] Dok CW2
[3] Dok CA li huwa l-proces verbal
[4] Dok CW3
[5] Seduta tas-7 ta' Novembru 2018
[6] In rapprezentanza ta' Transport Malta, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2018
[7] Seduta tas-7 ta' Novembru 2018

Difesa u PC 1406 fejn dawn qalulu li waqt il-patrol innutaw vettura li kienet ipparkjata hazin fi Triq Patri Felicjan Bilocca u giehom suspett li seta' kien qed jigri xi haga. Waqqfu unit ohra u nizlu. Iccekkjaw id-dettalji tal-persuni involuti u nfurmawhom li kienet se ssir tfittxija fil-vettura. Kif saret it-tfittxija nstabet borza taht it-tapit tas-seat fuq quddiem in-naha tal-passiggier. Kif PC 142 Joseph Camilleri fetah il-borza sab sustanza ta' kulur kannella li x'aktarx kienet cannabis. Is-surgent ivverifika l-borza. Meta raha kienet qeghda fuq is-seat. Instabu wkoll ammont ta' flus fuq il-persuna ta' Jimale Hassan Abdullahi. Huwa pproceda billi nforma lill-Ispettur Wayne Camilleri li min-naha tieghu mar fuq il-post ukoll. Huwa kkonferma l-PIRS report redatt minnu[8]. Huwa qal li fuq il-post kien hemm Anne Axiak, Edward Grech u Jimale Hassan Abdullahi li huwa gharaf bhala l-imputati fl-Awla. L-imputat Jimale Hassan Abdullahi beda jghid li jismu Jamile Hassan u ma kellu l-ebda dokumenti fuqu u beda jghid li kien ilu hmistax-il sena joqghod f'Malta. Eventwalment mill-istharrig li sar irrizulta li l-isem kollu tieghu huwa Jimale Hassan Abdullahi.

**PC 142 Joseph Camilleri** xehed[9] li ghall-habta tal-5.30pm kien flimkien ma' PC 971 Glenn Scicluna b'patrol bil-vettura tas-servizz u kienu hdejn ferm jirmonka l-Catamaran. Kif kienu hemm dahal messagg fuq ir-radio minn PC 1406 Kurt Rizzo li nfurmahom li huwa kien qieghed fi Triq Dun Felicjan Bilocca, Marsa u li kellu bzonn l-assistenza peress li kien hemm persuna li kienet qed tkun aggressiva. B'hekk marru fuq il-post u sabu lil PC 1406 Kurt Rizzo, PC 71 Ayrton Agius Difesa u persuna ta' karnagjon skur fuq bank hdejn vettura Peugeot 2015, Reg Nru IAP 643 bil-manetti. Hdejn il-vettura kien hemm tlett persuni Maltin. PC 1406 qallu li l-persuna li kienet aggressiv kienet il-persuna ta' karnaggjon skur. Kif kienu fuq il-post giehom suspett li fil-vettura seta' kien hemm xi haga illegali u b'hekk huwa fil-presenza ta' PC 71 wettqu tfittxija fil-vettura u taht it-tapit tas-seat tan-naha tal-passiggier sab borza sewda li fiha kien hemm sustanza qisha cannabis. Dak il-hin stess arrestaw lit-tlett persuni l-ohra u inghataw id-drittijiet taghhom.

[8] Dok SZ 18 a fol 18 tal-process
[9] Fl-atti tal-Inkjesta fl-24 ta' Ottubru 2018

**PC 71 Ayrton Agius Difesa** xehed[10] li fl-24 ta' Ottubru 2018 ghall-habta tal-5:00pm huwa flimkien ma' PC 1406 Kurt Rizzo kienu qed jaghmlu ronda bil-vettura tas-servizz fi Triq Patri Felicjan Bilocca gewwa l-Marsa. Hin minnhom lemhu vettura tal-ghamla Peugeot bajda, reg Nru IAP 643 b'erba' persuni go fiha pparkjata b'mod irregolari fil-genb tat-triq. Kif dawn il-persuni rawhom ser iduru, qishom dejru mahsuda u startjaw il-vettura u kif raw li kienu se jirriversjaw, ix-xhud li kien qieghed isuq il-vettura tal-korp, mar wara l-vettura w imblukkaha ghaliex gieh suspett li kellhom xi haga illegali fuqhom. Dak il-hin PC 1406 Kurt Rizzo mar hdejn it-tieqa tal-vettura tax-xufier u qallu biex jitfi l-vettura w ordnalu biex ma jsuqx, u ordna lil passigier li kien fuq quddiem biex johrog mill-vettura u dan tal-ahhar sar aggressiv fis-sens li beda jimbotta lil PC 1406 u beda jghajjat. Dak il-hin PC 1406 talab ghall-assistenza u ftit wara waslu fuq il-post PC 142 u PC 971 go vettura ohra tal-korp. Sakemm waslet l-ghajnuna x-xhud ghen lil PC 1406 sabiex jimmanettja lill-imputat Abdullahi Jimale Hassan. Wara dan, PC 1406 ghamel tfittxija fuq il-persuna immanetjata u fuq il-persuna tieghu eleva ammont sostanzjali ta' flus u ponn tal-hadid. Il-ponn tal-hadid gie mghoddi lill-Ispettur Wayne Camilleri, filwaqt li l-flus gew elevati minn Dr Anthony Cutajar. Wara li saret it-tfittxija fuq il-persuna ta' Abdullahi Jimale Hassan, waslu fuq il-post PC 142 u PC 971 u saret tfittxija fuq it-tlett persuni l-ohra li rrizultat fin-negattiv u waqt tfittxija fil-vettura PC 142 sab borza sewda mimlija sustanza suspettata droga.

**PC 1406 Kurt Rizzo** xehed[11] fl-24 ta' Ottubru 2018 ghall-habta tal-5:00pm huwa flimkien ma' PC 71 Aryton Agius Difesa kienu qed jaghmlu ronda bil-vettura tas-servizz fi Triq Patri Felicjan Bilocca gewwa l-Marsa u raw vettura bajda, Reg Nru IAP 643, b'erba' persuni fiha li kienet ipparkjata hazin. Nizel u mar hdejn ix-xufier biex ikellmu u jispjegali li kien ipparkjat hazin u sabiex jaccerta ruhu li ma kien hemm xejn oltre dan. Waqt li qed ikellmu, il-passiggier li kien fuq is-seat ta' quddie, rah jeccita ruhu u beda jghid 'let's go, let's go home' u dak il-hin ix-xhud ighid li aktar kkonferma s-suspett li seta' kien hemm xi haga illegali. Dar u mar hdejn it-tieqa tal-passiggier ta' quddiem u talbu johrog mill-vettura biex ikellmu u kif hareg, talbu biex inehhi l-affarijiet mill-bwiet u dak il-hin

[10] Fl-atti tal-Inkjesta fl-24 ta' Ottubru 2018
[11] Fl-atti tal-Inkjesta fl-24 ta' Ottubru 2018

hareg minn kull but ammont sostanzjali ta' flus kontanti u ponn tal-hadid. Il-kuntistabbli talbu jaghtih il-flus u l-ponn tal-hadid izda rrifjuta u beda jsir aggressive w ghalhekk bl-ghajnuna ta' PC 71 immanettjawh. Kif kien immanetjat komplew bit-tfittxija fuqu u ma sab xejn aktar. Talab l-assistenza ghax bdew jingemghu xi nies. Qal ukoll li PC 142 ghamel tfittxija fil-vettura Peugeot 205 u sab borza sewda.

**Raymond Grech,** ir-raba' persuna li kienet fil-vettura inkwistjoni u missier l-imputat Edward Grech ghazel li ma jixhidx kemm biex ma jinkriminax ruhu billi kien ghadu taht investigazzjoni kif ukoll minhabba li ma kienx se jixhed fil-konfront ta' ibnu[12].

**L-Ispettur Spiridione Zammit** jixhed[13] li fl-24 ta' Ottubru 2018 kien gie infurmat mill-Ispettur Wayne Camilleri b'sejba ta' karozza b'erba' persuni go fiha b'xi affarijiet suspettati illeciti. Gie infurmat ukoll bl-Inkjesta u bl-investigazzjonijiet preliminari li kienu saru. L-ghada tkompliet l-investigazzjoni fuq it-tlett imputati u fuq Raymond Grech. It-tlett imputati rrilaxxjaw stqarrija u Raymond Grech kien ghadu taht investigazzjoni.

**L-espert** nominat Jonathan Mizzi sabiex jitnizzlu footages, jigu analizzati mobile phones u jingabru l-call profiles, ipprezenta[14] r-rapport tieghu bhala Dok JM2.

**WPC 363 Caroline Meilak u PC 302 Bryan Alken,** scene of crime officers, ipprezentaw[15] ir-rapport taghhom[16]. PC 302 spjega li l-inkarigu tieghu kien li jeleva s-sustanza li nstabet gewwa l-vettura inkwistjoni u WPC 363 hadet hsieb ix-xoghol ta' fotografija. PC 302 ikkonferma bil-gurament li s-sustanza ghaddiha lill-espert Godwin Sammut fl-1 ta' Novembru 2018.

**PC13 Gordon Attard** xehed[17] li fl-24 ta' Ottubru 2018 ircieva telefonata ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar minn gewwa l-control room li pulizija tal-RIU kellhom bzonn l-assistenza tal-pulizija tad-distrett peress li kienu waqqfu vettura tal-ghamla Peugeot gewwa Triq Patri

[12] Seduta tas-7 ta' Novembru 2018
[13] Seduta tal-20 ta' Novembru 2018
[14] Seduta tal-20 ta' Novembru 2018
[15] Seduta tal-20 ta' Novembru 2018
[16] Dok CM
[17] Seduta tat-3 ta' Jannar 2019

Felicjan Bilocca. Ix-xhud mar fuq il-post u tkellem mal-ufficjali tal-RIU li qalulu li kienu waqqfu erba' min-nies u sa dak il-hin kienu ghamlu tfittxija fuq il-persuni u sabu ammont kbir ta' flus kif ukoll ponn tal-hadid. Sakemm kien fuq il-post taht is-seat tal-passiggier instabet borza sewda li x'hin miftuha kien hemm ammont kbir ta' sustanza. B'hekk l-erba' persuni inzammu taht arrest.

**L-Ispizjar Godwin Sammut** xehed[18] u pprezenta zewg rapporti tieghu[19]. Huwa kkonferma li gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti. Huwa spjega li s-sustanza inghatat lilu minn PC 302 fl-1 ta' Novembru 2018 u sussegwentement inghata wkoll il-pipa minn ufficjal tal-Qorti.

**PC 169 Jurgen Schembri** xehed[20] li fil-11 ta' Jannar 2019 l-Ispizjar Godwin Sammut ikkonsenjalu dokument 265_18_01FP biex jigi ezaminat ghal possibilita' ta' zviluppi ta' impronti digitali[21].

**L-espert Joseph Mallia,** wara li fis-seduta tal-14 ta' Frar 2019 ha kopja tal-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn tat-tlett imputati, irtira l-istess dokumenti u rtira wkoll Dok JS. Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2019 ipprezenta r-rapport tieghu[22].

L-imputata **Anne Axiak** xehdet[23] li dakinhar hija kienet fil-vettura flimkien ma' Edward Grech u missieru. Tghid li kienu sejrin l-Isptar minhabba l-mistura u ltaqghu ma' Abdullahi Jimale Hassan. Huwa talabhom biex jaghtuh lift izda ma tatx kaz fejn ried imur. Hija kienet bilqeghda fin-nofs fuq is-seat ta' wara u Edward Grech kien hdejha. Huwa kien fuq in-naha tax-xellug. Missier Edward Grech kien qieghed isuq. Originarjament Edward Grech kien fuq quddiem u imbaghad nar wara billi tellghu habib ta' Hassan u Hassan pogga hdejha wara. Hi ma semghetx x'qalu lix-xufier meta kellmuh. Waqfu l-Marsa u bdew jistennewh u kif kien sejjer lura daruhom il-Pulizija. Hassan qalilhom biex jistennuh ftit. In kontro-ezami cahdet li lil Jimale Hassan Abdullahi kienet tafu sew izda ma tichadx li gieli ratu jew kellmitu. Biss pero' tghid li qatt ma tkellmu fuq droga. Hija qalet li d-droga li nstabet ma

[18] Seduta tas-16 ta' Jannar 2019
[19] Dok GS1 u Dok GS2 a fol 205 et seq tal-process
[20] Seduta tas-7 ta' Frar 2019
[21] Dok JS
[22] Dok JM a fol 246a tal-process
[23] Seduta tal-24 ta' April 2019

kienitx taf biha u ma missithiex u ma tafx tispjega kif instab fingerprint taghha. Hija tghid li la ratha u lanqas misset id-droga u ma kinitx taf biha. Hija ma rat lil hadd bid-droga f'idu. Tghid li d-droga ratha l-ewwel darba meta l-pulizija harguha minn taht is-seat. Tghid li fil-karozza kienet bilqeghda fuq wara, Edward, hija u l-imputat l-iehor. KIenu mgezzin ghaliex karozza zghira.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnha[24] qalet li hija ma kinitx taf lil Jimale Hassan Abdullahi. Hija ma tiftakarx jekk l-gharus taghha Edward u hi qattx tellghu lill-istess Abdullahi fil-karozza xi gimghatejn qabel. Mistoqsija dwar id-drogi li nstabu fil-karozza hija qalet li qatt ma rathom, messithom u ma kienet taf xejn fuqhom. Qalet li hija ma tiehux drogi izda solitament tiehu l-kalmanti. Hija ma kinitx taf tirrospondi kemm kien ilu fil-karozza Abdullahi u lanqas minn fejn rikkbuh. Cahdet li kienu qeghdin ibieghu d-drogi. Tghid li ma kellhiex mowbajl fuqha u inkwantu ghall-pipa tghid li sabitha. Hija qalet li ma kinitx rat drogi ghaddejjin fil-karozza qabel ma giet arrestata u qalet li qabel ma wasslu l-pulizija Abdullahi kien ilu xi ghoxrin minuta fil-karozza. Hija kienet lesta li taghti l-fingerprints.

**Jimale Hassan Abdullahi** xehed[25] li dakinhar li gie arrestat kienu erba' min-nies f'karozza zghira. It-tlieta l-ohra kienu z-zewg imputati l-ohra u missier Edward Grech. Dan tal-ahhar kien qieghed isuq il-karozza. Ghall-bidu mar ipoggi fuq wara tal-karozza izda imbaghad mar ipoggi quddiem. Fuq wara kien hemm l-imputati l-ohra. Huwa ltaqa' maghhom fejn il-knisja tal-Marsa u talabhom iwassluh mill-Marsa ghall-Gzira. Waqfulu u talabhom iwassluh. Il-Pulizija wasslu mill-ewwel. Ma kienux ghadhom iccaqalqu. Il-Pulizija fittxew fuqu, imbaghad fuq kulhadd u fil-karozza sabu xi haga. Qal li meta dahal fil-karozza ma kellu xejn f'idejh. Ighid li kien iltaqa' ma' Edward biss xi tlett gimghat qabel. Il-Pulizija sabu drogi fil-karozza taht is-seat tal-passiggier fuq quddiem. Huwa qal li qablu kien hemm ragel iehor li telaq u li huwa ma jafx min huwa. Biss dan ir-ragel barra kien. Id-droga ma kinitx tieghu u huwa ma messhiex. Inkwantu ghall-flus qal li huwa jahdem u dik is-somma kienet ilha ghandu madwar sitt (6) xhur. Is-somma kienet fuqu ghaliex m'ghandux karta tal-identita' u m'ghandux kont bankarju u

[24] Dok SZ 10 a fol 24 tal-process
[25] Seduta tas-7 ta' Mejju 2019

ghalhekk izomm il-flus fuqu. Qal li huwa kien iltaqa' maghhom kumbinazzjoni u ma setax jiftiehem ghaliex lanqas mowbajl m'ghandu. In kontro-ezami qal li l-persuna l-ohra kien fuq barra tal-karozza.Huwa qal li fil-bidu dahal fuq wara ghax dahal biex ikellimhom u kif qalulu li kienu se jwassluh mar fuq quddiem. Il-ponn tal-hadid sabha fiz-zibel xi tlett gimghat qabel u zammha. Inkwantu ghall-borza huwa la kien raha u ghakhekk lanqas messha qabel ma sabuha l-pulizija. Huwa ma jafx kif instabet l-impronta digitali tieghu fuq il-borza.

Fl-istqarrija tieghu Jimale Hassan Abdullahi[26] ikkonferma li huwa kien fil-karozza ma' tlieta ohra u li nstabet borza b'suspettata droga fiha taht is-seat fejn kien bilqeghda huwa. Inkwantu ghall-flus li nstabu fuqu qal li huwa jahdem billi jbajjad u jiksi u l-flus izommhom fuqu ghax m'ghandux kont bankarju. Ighid li huwa kien iltaqa' mat-tlieta l-ohra l-Marsa fejn l-ghassa qabel ma qabduh il-pulizija u rikbuh fil-karozza biex iwassluh il-Gzira.Qal li liz-zewg imputati l-ohra kien jafhom ghax iltaqa' maghhom il-gzira imma lill-missier l-imputat l-iehor kien rah l-ewwel darba. Huwa qal li ma kien jaf xejn dwar id-drogi li nstabu. Qal li z-zewg imputati l-ohra gieli wassluh x'imkien. Huwa jichad li kien se jbiegh id-droga flimien mal-ohrajn. Kien lest li jaghti l-fingerprints. Qal li huwa ma messx id-drogi f'xi hin u cahad li l-flus li kellu fuqu kienet gejja mid-droga.

Fl-istqarrija tieghu **Edward Grech**[27] qal li huwa ma jahdimx u li kien gharus u jghix mat-tfajla tieghu. Mistoqsi kienx jaf lil Jimale Hassan Abdullahi li kien gie arrestat mieghu l-gurnata ta' qabel qal li ma kienx jaf x'gara l-gurnata ta'qabel. Lanqas kien jaf ghalfejn kien arrestat. Qal li ghandu kundizzjoni ta' sahha mentali u li ma jiehux drogi. Izda qal li dakinhar stess kien ha l-methadone. Ghad-domandi li bdew isirulu beda jghid li ma kienx qieghed jiftakar x'kien gara. Qal li ma kellux xi jwiegeb. Ma jiftakarx jekk kienx jiehu drogi u lanqas fuq id-drogi li nstbu fil-karozza. Mistoqsi jekk qattx biegh drogi wiegeb *'qed takkuzani b'xi haga?'.*

**Ikkunsidrat**

Mill-provi appena riportati jirrizultaw s-segwenti fatti:

[26] Dok SZ14 a fol 32 tal-process
[27] Dok SZ 12 a fol 28 tal-process

- Fl-24 ta' Ottubru 2018, l-imputati Anne Axiak u Edward Grech (li huma f'relazzjoni) kienu passiggiera fil-karozza tat-tip Peugeot 205, Reg Nru IAP 643, ta' kulur abjad, flimkien ma' Raymond Grech (missier l-imputat Edward Grech) li huwa s-sid tal-karozza u dakinhar kien qieghed isuqha wkoll.
- L-imputat l-iehor Abdullahi Jimale Hassan gie arrestat flimkien maz-zewgt imputati l-ohra meta kienu kollha flimkien (inkluz Raymond Grech) fil-karozza, meta ntlemhu mill-pulizija tal-RIU wara li nnutaw certu agir suspettuz.
- Mit-tfittxijiet li saru mill-membri tal-RIU, PC 1406, PC 142 u PC71, instab li kien hemm borza li fiha kien hemm boroz ohrajn mimlija b'sustanza suspettata pjanta cannabis. Il-borza nstabet taht is-seat tal-passiggier ta' quddiem.
- Fuq il-persuna tal-imputat Abdullahi Jamale Hassan instab l-ammont ta' €3,300 fi flus kontanti, li gew elevati mill-espert Dr Anthony Cutajar. Instabu wkoll ponn tal-hadid fuq il-persuna tal-istess imputat. Fuq Anne Axiak instabet pipa/keychain.
- Infethet Inkjesta Magisterjali fejn gew nominati diversi esperti mill-Magistrat Inkwirenti ossija *scene of crime officers,* Dr Anthony Cutajar, Dr Jonathan Mizzi, PC 169 Jurgen Schembri u l-ispizjar Godwin Sammut.
- It-tlett imputati rrilaxxjaw stqarrija wara li nghataw id-dritt jikkonsultaw mal-avukat rispettiv taghhom kemm qabel ma giet rilaxxjata l-istqarrija u kif ukoll filwaqt li tkun qeghda tittiehed l-istess.
- Irrizulta li l-imputat Jimale Hassan Abdullahi qatt ma kien impjegat ufficjalment f'Malta[28] .
- Edward Grech u Anna Axiak iddikjaraw li huma dizokkupati.
- Gew elevati mowbajls u CCTV footage. Ma rrizulta xejn partikolari mill-mowbajls li jitfa' dawl fuq l-imputazzjonijiet odjerni.
- Is-sustanza giet elevata mill-karozza minn PC 302 Bryan Alken u fotografata minn Wpc 363 Caroline Meilak. Bryan Alken ghadda s-sustanza lill-espert Godwin Sammut fl-1 ta' Novembru 2018[29].
- Mix-xhieda tal-espert Godwin Sammut[30] jirrizulta li huwa gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti u mill-Qorti f'dawn il-proceduri.

[28] Xhieda ta' Joseph Saliba in rapprezentanza tal-ETC fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2018
[29] Ara tergo fol 123 tal-process – submission form

Is-sustanza li nstabet gewwa l-peugeot 205 giet mghoddija lilu minn PC 302 u l-pipa gabarha mill-Qorti. Huwa pprezenta zewg rapporti[31].

L-ispizjar ezamina *evidence bag bin-numru P*04437150 li kien fih basket tal-plastik tal-lewn iswed li kien fih buds ta' lewn hodor u boroz tal-plastik li kien fihom ukoll buds ta' lewn hodor. Il-boroz tal-plastic giet moghtija lil PC 169 Jurgen Schembri.

Huwa kkonkluda : *illi fuq estratti mehuda mill-buds li hemm fid-dokument 265_18_01*[32] *instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinoid (THC). Il-piz totali tal-buds kien ta' 76.40 grammi u l-purita' kienet ta' circa 20%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Fit-tieni rapport, l-espert ikkonkluda: *Illi fuq estratt mehuda mill-pipa li hemm fid-dokument 007_19_01 ma nstabux sustanzi illeciti.*

- L-espert Joseph Mallia wara li ha l-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-imputati u kkomparahom mal-impronti zviluppati fir-ritratti dokumentati fir-rapport ta' PC 169 Jurgen Schembri sab li kien hemm uhud li kienu neqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni u ghalhekk ma setghux isiru ezamijiet komparattivi. Izda huwa sab:

  *3. Illi l-impronta li tidher zviluppata fir-ritratt dokument 18 CKX-C-SG 2 giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba' tac-curkett tal-id il-leminija (plain impression) ta' Anne Axiak, detentrici tal-karta tal-identita' numru 65971(M).*

  *4. Illi l-impronta li tidher zviluppata fir-ritratt dokument 18 CKX-C-SG 3 giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba' tan-nofs tal-id ix-xellugija (rolled impression) ta' Jamal Hassan Abdullahi, detentur tal-karta tal-identita' numru 43988(A).*

[30] Seduta tas-16 ta' Jannar 2019
[31] Dok GS1 u Dok GS 2 a fol 205 et sequitur tal-process
[32] Kien hemm buds 1 – 6.48g; buds 2 – 27.05g u buds 3 – 42.87g

**Ikkunsidrat**

Fl-ewwel lok huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li dak li jghid ko-akkuzat ma jista la jibbenefika u lanqas jippregudika ko-akkuzat iehor[33]. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha opportunita ticcara d-differenza bejn ix-xhieda ta' komplici u x-xhieda ta' koakkuzat anke b'referenza ghal diversi sentenzi ohra mghotija mill-Qrati taghna. Dik il-Qorti qalet hekk:

> *ir-regola (kontenuta fl-Art. 639(3) imsemmi) ... tirrikjedi korroborazzjoni meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici, ... r-regola l-ohra (hi) li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-koakkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz.* [34]

Illi konformament ma' dawn il-principji din il-Qorti tista' tqies dak li jghid kull wiehed mill-imputati bhala prova fil-konfront tieghu biss u mhux fil-konfront tal-imputati l-ohra ukoll.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi fil-mori tal-proceduri nqalghet kwistjoni dwar il-fatt li n-nomina tal-Ispizjar Godwin Sammut ma tissemmix fil-proces verbal ezebit in atti u ghalhekk gie sollevat dan il-punt. Ghalkemm irid jinghad li fit-trattazzjoni hadd mill-imputati ma ttratta dwar l-istess. Filwaqt li huwa minnu li ma giex indikat fil-proces verbal, l-Ispettur Camilleri kif ukoll PC 302 Bryan Alken u l-istess spizjar ikkonfermaw bil-gurament taghhom li s-sustanza ghaddiet fil-pussess tieghu biex tigi analizzata.

[33] Ref Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et Appell Kriminali deciz 07.04.1992.
[34] Ref Il-Pulizija vs Jeremy Farrugia sentenza datata 23 ta' Mejju 2001.

B'hekk kwistjonijiet dwar *chain of custody* certament li m'hemmx. Fi kwalunkwe kaz, l-espert inkwistjoni gie nominat ukoll fil-proceduri odjerni bhala espert tal-Qorti.

Stabilit dan, jehtieg li jigi determinat jekk l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputati odjerni gewx ippuvati.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Marius Magri***[35]*:*

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet ckienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss). Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed. (Ara App.Krim. Il-Puliija vs Carmel Degiorgio" 26.8.1988) Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati ( Ara Appell. Kriminali; "Il-pulizija vs Carmel Spiteri" 2.9.1999)*

*Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif presjeduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecje li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi hard and fast rule x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-bon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App.Krim. Il-Pulizija vs Brian Caruana 23.5.2002)".*

Kif jirrizulta mir-rapport tal-ispizjar, l-ammont ta' pjanta cannabis li nstab fil-karozza kien ta' 76.40 grammi b'purita' ta' circa 20%. Dan l-

[35] App Krim. 12/05/2005

ammont mhux solitament meqjus bhala ammont li huwa assocjat ma' uzu personali.

Biss pero' fil-kaz odjern, l-ebda wiehed mill-imputati mhu qed isostni li d-droga misjuba kienet ghall-uzu personali tieghu jew taghha. L-imputati kollha jichdu li d-droga kienet ta' xi hadd minnhom, u kull imputat/a sostna/iet li ma kienx jew kinitx taf bil-presenza tas-sustanza illecita.

Din il-Qorti wara li analizzat bir-reqqa l-provi, inkluz li rat ic-CCTV footage ezebit, u tenut kont tal-imgieba fuq il-pedana tax—xhud tal-imputati li ghazlu li jaghtu x-xhieda taghhom tikkonkludi li t-tlett imputati kienu ben konsapevoli tad-droga u li tali droga kienet lesta biex tigi spaccjata. Ir-ragunijiet li wasslu lil din il-Qorti ghal tali konkluzjoni huma diversi u se jigu hawn taht elenkati:

- L-imputati jsostnu li ma kienux jafu lil xulxin u li dakinhar iltaqghu b'kumbinazzjoni. Biss pero', l-ebda wiehed mill-imputati ma jista' jitwemmen.

- L-imputata Anne Axiak kemm fl-istqarrija u fix-xhieda taghha tghid li hija kienet fil-karozza flimkien ma' Edward Grech (l-gharus taghha) u missieru li huwa s-sid u x-xufier tal-karozza li fiha nstabet id-droga. Tghid li kienu fi triqithom sabiex jiehdu l-methadone u taghti x'tifhem li ltaqghu mal-imputat Abdullahi Jimale Hassan b'kumbinazzjoni u tawh lift. Hija tichad li kellha x'taqsam mad-droga misjuba fil-karozza.

- L-imputat Edward Grech fl-istqarrija tieghu ma rrispondiex wisq, kif kien dritt tieghu, ghall-mistqosijiet li sarulu. Huwa evidenti li min-naha tieghu qieghed jichad li kellu x'jaqsam mad-droga u li qatt ma biegh droga.

- L-imputat Jimale Hassan Abdullahi, li fuqu nstabu l-flus kontanti u l-ponn tal-hadid, ighid li bilkemm kien jaf lill-imputati l-ohra u li ltaqa' b'kumbinazzjoni mal-ohrajn u talabhom lift ghall-Gzira. Isostni li d-

droga mhux tieghu, qatt ma biegh droga u l-flus li kellu fuqu huma provenjenti mix-xoghol tieghu.

- Mill-provi prodotti pero' l-versjoni moghtija mill-imputati hija kontradetta principalment minn dak li jirrizulta mic-CCTV footage, minn fejn instabet id-droga u kif ukoll mill-impronti digitali.

- Huwa ferm inverosimili meta Anne Axiak tghid li kienu sejrin ghall-methadone u sabu ruhhom fic-centru tal-Marsa u dan anki billi mhiex it-triq solitament li tittiehed sabiex tasal ghad-Detox Centre.

- Inkwantu ghad-droga misjuba, irrizulta li din instabet taht it-tapit tas-seat tal-passiggier. Id-droga kienet maqsuma f'diversi boroz u mpoggija f'borza sewda. Fuq il-borza s-sewda nstabu impronti digitali ta' Anne Axiak u Jimale Hassan Abdullahi. Dawn l-imputati jostnu li huma qatt ma messew jew raw id-droga. Biss pero' huwa ferm difficli biex jitwemmnu tenut kont li m'hemm l-ebda spjegazzjoni li kien hemm l-impronti digitali taghhom meta din kienet mohbija tas-seat tal-passiggier, oltre' li dawn l-imputati messew il-borza f'xi hin. Ma jistghux jitwemmnu li ma kienux jafu bil-borza u bil-kontenut taghha.

- Ma nstabu l-ebda impronti digitali ta' Edward Grech izda dan ma jfissirx li ghandu jigi skolpat awtomatikament. Ma jridx jintnesa l-fatt li l-karozza tappartjeni proprju lill-missier l-imputat. Izda aktar minn hekk dak li jirrizulta mic-CCTV footage ma jhallix dubju ta' dak li sehh.

- In-nuqqas ta' kredibilita' tal-imputati kollha tispikka meta wiehed jara ic-CCTV footage. Din il-Qorti se taghmel referenza ghal dak li jirrizulta mill-istess. Tidher vettura tal-ghamla Peugeot ta' kulur abjad (reg nru ma jidhirx izda hija l-istess vettura li fiha nstabet id-droga anki ghaliex l-arrest tal-imputati jirrizulta mill-istess footage) ghall-habta ta' 15:40hrs. Ix-xufier dahal b'lura f'area ta' parkegg u pparkja vicin sigra. Ix-xufier ma jidhirx izda jirrizulta li fuq wara kien hemm moviment ta' persuna. Baqghu jistennew hdejn is-sigra ghal diversi minuti u ma hargux minn go fiha. Wara madwar ghaxar

minuti pparkjati kellhom icaqalqu l-vettura minn fejn kienu ghaliex trakk bil-merkanzija kellu bzonn jidhol fin-naha fejn kienu biex ihott il-merkanzija. Il-vettura ghalhekk instaqet ghal biss ftit metri 'l boghod u regghu waqfu jistennew. F'hin minnhom jidher jidher ragel jidhol fuq in-naha ta' wara tal-karozza wara x-xufier. Wara aktar minn kwarta jistennew mar ragel ikellem lil min kien fuq wara u rega' telaq mill-ewwel. Hafna hin wara, jidher li l-imputat Edward Grech (li kien libes bl-ahmar) hareg mill-karozza. Anne Axiak u x-xufier tal-karozza ma hargux minn go fiha matul il-hin kollu. Hafna minuti wara Edward Grech jitfacca flimkien mal-imputat l-iehor u ragel iehor. Dan ir-ragel baqa' fuq barra, imbaghad telaq jigri, rega' mar vicin il-karozza u rega' telaq jigri. Imbaghad avvicinathom il-karozza tal-pulizija u jirrizulta li dak li xehdu dwaru l-ufficjali tal-RIU huwa proprju dak li sehh ossija li kif indunaw li kien hemm karozza tal-pulizija warajhom ippruvaw jitilqu minn fuq il-post. Ma jistax ukoll ma jigix rilevat li waqt li l-karozza kienet wieqfa kien hemm rgiel li avvicinawha, jieqfu, donnhom jistaqsu xi haga u wara ftit jitilqu. Oltre' dan jirrizulta wkoll l-aggressivita' tal-imputat Jimale Hassan Abdullahi meta twaqqaf mill-pulizija, li wkoll hija indikattiva li huwa kien ben konsapevoli ta' dak li kien hemm fil-karozza tenut kont li d-droga ma kinitx ben in vista.

- Huwa altru milli evidenti li mhux minnu li l-imputati iltaqghu b'kumbinazzjoni. Il-filmat huwa xhieda ta' dan. Il-Qorti hija konvinta li t-tlett imputati mhux biss kienu konxji bid-droga izda din kienet taghhom lesta biex tigi spaccjata.

- Inoltre' l-ammont misjub u l-mod kif kienet imqassma hekk kif jirrizulta mix-xhieda u mir-ritratti ezebiti, ma jhallix dubju li dan kien kaz ta' pussess aggravat.

- Imbaghad inkwantu ghall-imputat Abdullahi Jamale hassan, instabu fuqu ammont ta' flus sostanzjali ossija l-ammont ta' €3,300. L-imputat xehed u stqarr li huwa jahdem. Safrattant il-prova li ngabet mill-prosekuzzjoni hija li huwa qatt ma hadem ufficjalment u ma rrizultax sal-grad tal-probabbli b'liema frekwenza allegatament hadem u d-dhul tieghu. Huwa qal li jzomm il-flus fuqu ghaliex la ghandu karta

tal-identita' u lanqas kont bankarju. Filwaqt li huwa ghandu karta tal-identita', hu inverosimili li persuna li ma jirrizultax li ghandu mpjieg, jinstab bl-ammont li nstab fuqu. M'hemmx spjegazzjoni plawsibbli hlief li tali flus huma provenjenti minn bejgh ta' droga. Ghaldaqstant dan l-ammont se jigi kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-imputat Abdullahi Jamale Hassan jinsab ukoll addebitat li kellu fuqu arma projbita bi ksur tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u li huwa recediv.

Irrizulta mill-provi li l-imputat kellu fuqu ponn tal-hadid u kwindi dan imur kontra d-disposizzjoni tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 480 billi ponn tal-hadid huwa arma projbita elenkata fl-Iskeda I, Taqsima II tal-istess Att.

Inkwantu ghall-addebitu tar-recediva giet ezebita vera kopja fotostatika ta' sentenza[36], li tirrizulta li inghatat fil-konfront tal-imputat odjern billi l-karta tal-identita' hija l-istess. Din is-sentenza inghatat fil-21 ta' Lulju 2015 u l-imputat kien gie kkundannat ghal xahar prigunerija. Ghalhekk gie ippruvat li l-imputat huwa recediv fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

**Piena**

Illi inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata l-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali ta' kull imputat. Inkwantu ghal Edward Grech ghalkemm din mhiex netta mhiex allarmanti. Ta' Anne Axiak hija wahda netta, filwaqt ta' Jimale Hassan Abdullahi apparti li jirrizulta li huwa reecediv mill-istess fedina penali jirrizulta li l-imputat xellef difrejh mal-gustizzja diversi drabi.

**Decide**

[363636363636] Dok SZ 15 a fol 73 tal-process

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti fil-konfront ta' **Edward Grech** wara li rat l-artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sittax-il (16) xahar prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri – u ghal hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000); fil-konfront **ta' Anne Axiak** wara li rat l-artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u u tikkundannaha ghal erbatax-il (14) xahar prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li ghamlet taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri – u ghal hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000); fil-konfront ta' **Abdullahi Jamale Hassan** wara li rat l-artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3 u 51(1)(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri – u ghal hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000).

Inoltre' a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hatja jhallsu l-ammont ta' €824.03 kull wiehed, ammontanti ghal total ta' €2,472.08 rapprezentanti l-hlas tal-esperti nominati.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-ponn tal-hadid[37] ezebit in atti kif ukoll tal-ammont ta' €3,300 ezebiti in atti favur il-Gvern ta' Malta.

Tordna r-rilaxx tal-mowbajls ezebiti in atti.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita in atti[38] hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li

[37] Dok CW2

[38] Evidence bag P04437150 imsemmi fir-rapport Dok GS 1

ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**